# LET'S DO IT CREATIVELY... FOR THE BENEFIT OF ADULT LEARNERS

**L-Uffiċċju tal-Prinċipal huwa involut fi proġett tal-Unjoni Ewropea taħt l-iskema Grundtvig Lifelong Learning. L-imsieħba f'dan il-proġett huma l-Irlanda, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ingilterra, Spanja, il-Ġermanja, Malta u t-Turkija.**

L-għanijiet tal-proġett huma:

1. ***Nkiżviluppaw u naqsmu metodi ta' tagħlim kreattiv u ġdid għall-adulti.***
2. ***Jissaħħah ir-rwol tal-adulti bħala faċilitaturi għat-tagħlim.***
3. ***Ninkoraġixxu u nimmotivaw aktar l-adulti biex jiżviluppaw attitudni pożittiva lejn it-tagħlim.***



F'Novembru 2009 il-Prinċipal tal-Kulleġġ tagħna ħa sehem fl-ewwel workshop tal-proġett li sar f'Lousa ġewwa l-Portugall. Bejn il-15 u t-18 t'April 2010 ser isir it-tieni workshop din id-darba f'Malta.

# STUDENTI U ASSISTENTA KAP GĦAL BRUSSELL

**Fuq inizjattiva tal-College Youth Worker, saret applikazzjoni mil-Liċeo tal-Bniet tal-Imrieħel għal laqgħa li ser issir fis-16 t'April 2010 għall-ewwel darba, fejn żgħażagħ minn 27 pajjiż ta' l-Unjoni Ewropea sejrin ikollhom l-opportunità li jiddiskutu flimkien f'sessjoni plenarja tal-European Economic and Social Committe (EESC) fi Brussell.**



Il-EESC hija bord magħmul mill-pajjiżi ta' UE li jirrappreżentaw is-setturi ekonomiċi, ix-xogħol, il-ħaddiema, l-NGOs u organizzazzjonijiet oħra u li jieħdu deċiżjonijiet fuq dan ir-rigward u livell. Il-Liċeo tal-Bniet tal-Kulleġġ Santa Tereża ġie magħżul sabiex tliet studenti, flimkien ma' l-Assistenta Kap tagħhom, jitilgħu Brussels biex jieħdu sehem f'din l-okkazzjoni ewlenija, u jiddiskutu flimkien ma' żgħażagħ oħrajn bħala membri straordinarji tal-kumitat. Din hija okkażjoni għal dawn l-istudenti tagħna sabiex jiddiskutu, jaqsmu ideat u kulturi ma' żgħażagħ mis-26 pajjiżi l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea. Prosit ħafna u kuraġġ lil dawn l-istudenti tagħna!

# MILL-ARKIVJI RIĊENTI TAS-SUĊĊESSI TAGĦNA

- Il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Edukazzjoni żaru l-iskola primarja ta' Birkirkara biex raw prattiċi differenti fl-użu tat-teknoloġija, fosthom l-sms service, l-użu tal-interactive whiteboards u l-virtual classroom.
- Il-Prim Ministru żar l-iskola primarja ta' Santa Venera.



- L-iskola kollha ta' Santa Venera primarja (inkluż it-tfal tal-Kinder) żaru Kastilja fuq stedina tal-Prim Ministru.
- Id-Direttur Ġenerali Dr Grace Grima żaret l-iskola primarja ta' Birkirkara biex rat prattiċi fl-użu tat-teknoloġija ta' l-Informatika.

# KONT TAF LI...?

- Il-Kulleġġ bidel l-imwejjed kollha tal-klassijiet kollha tal-Year 5s tal-erba' skejjel primarji.
- Il-Kulleġġ laħaq il-mira ambizzjuża li f'kull skola tal-Kulleġġ ikollna aktar minn interactive whiteboard wieħed b'investiment mill-Kulleġġ u l-iskejjel stess.
- L-istudenti tal-Year 5 fl-iskola primarja ta' Santa Venera ntgħażlu biex jagħmlu l-kartolina uffiċċjali tal-Milied tal-Prim Ministru.
- Il-logo uffiċċjali taż-żjara f'Malta mill-Papa Benedittu XVI sar mis-Sur Mario Abela li jgħallem fl-iskola sekondarja tas-subien ta' Birkirkara fil-Kulleġġ tagħna.
- L-Istudenti fl-iskejjel sekondarji kollha tal-Kulleġġ (bniet u subien) tar-Rabà u l-Hames sena ngħataw l-opportunità bil-kollaborazzjoni bejn il-Kulleġġ Santa Tereża u l-Employment and Training Corporation li jgħaddu ġimgħa ta'osservazzjoni fuq xogħolijiet differenti.
- Il-Kulleġġ u l-iskejjel flimkien organizzaw xahar attivitajiet fuq stili ta' ħajja sanà.
- Żdiedu l-applikazzjonijiet u l-parteċipazzjoni tal-iskejjel tal-Kulleġġ fi proġetti tal-EU (bħall Comenius).
- Qed tiżdied il-kollaborazzjoni bejn il-Kulleġġ u l-iskejjel tiegħu u l-Kunsill Lokali.
- Għandna skejjel primarji li minflok il-Prize Day tas-soltu organizzaw sensiela ta' attivitajiet li ppremjaw il-progressi differenti tal-istudenti kollha, ingħata rikonaxximent lill-għalliema, inxtraw kotba u riżorsi għal kull klassi.
- L-Uffiċċju tal-Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Tereża applika u ingħata Proġett tal-Grundtvig (LLP) mifrux fuq sentejn dwar it-tagħlim pjaċevoli tal-adulti? Dettalji tal-proġett fuq www.letsdoit.upol.cz

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Kulleġġ Santa Tereża

PARVA PARVORUM PULCHRA

# in-nota

HARĠA NRU. 3
It-Tieni terminu skolastiku 2009/2010
www.kulleggsantatereza.edu.mt
Tel: 2149 1209, 2149 6520
Folju maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Tereża u mħallas mill-Kunsill Lokali Birkirkara

# EDITORJAL

**Din hija t-tielet ħarġa tan-newsletter uffiċjali tal-Kulleġġ Santa Tereża u bħall-edizzjonijiet ta' qabilha tesponi ftit mill-ħafna xogħol tajjeb li qed isir mill-Kulleġġ u l-iskejjel tiegħu.**

Fiha tistgħu tinnotaw numru kbir ta' inizjattivi li ttieħdu f'dawn l-aħħar jiem u ġimgħat, numru konsiderevoli ta' servizzi ġodda fil-Kulleġġ għall-iskejjel, u esperjenzi u sfidi ġodda li qed jirnexxielna ngħaddu minnhom b'suċċess. Kull suċċess miksub huwa tagħna lkoll frott l-impenn ta' kull wieħed u waħda minna b'intenzjoni ġenwina, b'direzzjoni ċara u b'għarfien konkret. L-impenn tagħna lkoll (amministraturi, għalliema, studenti, ħaddiema fl-iskejjel, u ġenituri) ta' min ikompli jfaħħru u jinkoraġġih biex minnu nibqgħu ngawdu lkoll.

**Frank Fabri**
*Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Tereża*
**francis.fabri@gov.mt**
**www.kulleggsantatereza.edu.mt**

# ĠestFEST 2010

**Mill-21 ta' Mejju sat-23 ta' Mejju 2010 ser issir it-tieni edizzjoni ta' ĠestFEST li ser terġa' ssir fiż-żona tal-iskola fl-Imrieħel u l-grounds tal-Infetti bil-kollaborazzjoni ta' Birkirkara Youth Nursery.**

- Inti adult/a u tixtieq tgħinna tul il-maratona bħala VOLUNTIER/A?
- Għandek xi kuntatt tajjeb ma' xi għaqda/ għaqdiet sportivi (mhux football) li jistgħu jkunu parti mill-maratona?

**NARAWKOM!**

# LEZZJONI KBIRA MINGĦAND L-ISTUDENTI

L-istudenti tal-Kulleġġ Santa Tereża fl-iskejjel primarji u sekondarji taw lezzjoni kbira ħafna bil-ġest nobbli u immedjat tagħhom meta ngħaqdu flimkien u iddonaw €2,500 lit-tfal li ntlaqtu mit-traġedja kkawżata mit-terremot f'Haiti.



# IL-KULLEĠĠ B'IMPENN FAVUR STILI TA' ĦAJJA SANA

**L-iskejjel kollha primarji u sekondarji tal-Kulleġġ huma impenjati b'sensiela ta' attivitajiet mifruxin fuq xahar favur stili ta' ħajja sana matul ix-xahar t'April u l-bidu ta' Mejju.**

Il-ġenituri kollha huma mħeġġin jattendu u jżuru l-iskejjel tal-Kulleġġ fil-ġranet indikati fil-folju li ser jintbagħat lilkhom.



# UNIFORMI GĦALL-ĦADDIEMA ĠENERALI TAL-KULLEĠĠ

**Il-Kulleġġ Santa Tereża introduċa uniformi għall-ħaddiema ġenerali tal-Kulleġġ li jaħdmu fl-iskejjel kollha primarji u sekondarji tal-Kulleġġ.**



Kull ħaddiem ingħata żewġ polo shirts tax-xitwa u tnejn oħra tas-sajf (kollha bil-logo tal-Kulleġġ meħjut fuqhom) u qalziet tax-xogħol li tħallsu mill-fondi tal-iskejjel. Lill-ħaddiema tal-maintenance ingħataw ukoll safety shoes li tħallsu mill-fondi tal-Uffiċċju tal-Prinċipal. Din l-inizjattiva hija wkoll parti integrali mill-immaġini korporattiva tal-Kulleġġ Santa Tereża.

# PROĠETT TAL-KULLEĠĠ DWAR IL-KREATTIVITÀ U L-INNOVAZZJONI

**F'għeluq is-sena ewropea ddedikata għall-Kreattività u l-Innovazzjoni, il-Kulleġġi kollha tal-istat kienu involuti fi proġetti sabiex ikunu esibiti fuq livell nazzjonali. Il-Kulleġġ Santa Tereża kkordina proġett bejn l-iskejjel primarji u sekondarji kollha tiegħu u nħadem filmat li fih kull skola ppreżentat tal-anqas inizjattiva waħda u ġdida.**

Il-Kumitat Nazzjonali Organizzattiv fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, għażel li l-proġett tal-Kulleġġ Santa Tereża jkun esibit għall-pubbliku ġewwa Kastilja.

# AKTAR *AFTER SCHOOL PROGRAMMES* FIL-KULLEĠĠ

**Wara li fil-Kulleġġ Santa Tereża infetaħ Klabb 3-16 għal tfal bejn it-3 u s-16-il sena b'kollaborazzjoni sħiħa bejn il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi, l-Uffiċċju tal-Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Tereża u l-amministrazzjoni tal-iskola primarja f'Birkirkara, infetaħ ukoll Klabb Naħla fl-iskejjel Primarja ta' Birkirkara u Santa Venera.**

Dan huwa klabb fejn għalliema kkwalifikati qed jgħinu numru żgħir ta' tfal fil-Homework tagħhom.

# MANUTENZJONI FL-ISKEJJEL TAL-KULLEĠĠ MILL-KULLEĠĠ

**Mill-bidu ta' din is-sena (2010) il-Kulleġġ introduċa sistema ġdida kif isir xogħol ta' manutenzjoni fl-iskejjel tal-Kulleġġ. Id-differenza hija waħda ċara ħafna u r-riżultati huma tajbin ħafna kif qed jidher fl-iskejjel infushom.**

Fi ftit ġimgħat biss (minn madwar nofs Jannar sa nofs Frar) sar ħafna xogħol ta' tiswijiet fl-iskejjel primarji ta' Santa Venera, l-Imsida, Ħal Lija u Birkirkara. Sar xogħol konsiderevoli fuq ammont kbir ta' soqfa tal-klassijiet u toilets fl-iskola primarja tal-Imsida. Fl-istess skola inħadmet il-'control room' għas-sala, anke bl-għajnuna tas-Sindku tal-Imsida, Dr Clifton Grima. Il-Kulleġġ qed jipprepara wkoll sabiex mill-aktar fis possibli jibda xogħol ta' tisbieħ fil-Liċeo tal-Bniet tal-Imrieħel u qed jitħejja rapport għal tisbieħ fl-iskola primarja ta' Birkirkara. Dalwaqt jinbeda x-xogħol fuq il-ħitan tal-gym fil-primarja ta' Santa Venera li diġà tnaddaf sabiex inħoloq aktar spazju fejn it- tfal tagħna jistgħu jagħmlu taħriġ fiżiku. Ser isir ukoll xogħol ta' manutenzzjoni fl-iskola tal-primarja ta' Ħal Lija. Naturalment ma' dan ix-xogħol, isir ukol xogħol ta' emerġenza li jinqalà minn żmien għal żmien.

# TMEXXIJA DEMOKRATIKA

**Minn din is-sena skolastika, l-Uffiċċju tal-Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Tereża bl-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Kapijiet tal-Kulleġġ, introduċa strutturi ġodda bl-iskop li l-assistenti kapijiet u l-għalliema fl-iskejjel kollha tal-Kulleġġ ikunu jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom b'mod dirett fit-tifsil u d-deċiżjonijiet tal-Kulleġġ u tal-iskejjel tiegħu.**

Fost dawn l-istrutturi l-Kulleġġ għandu:

**Kunsill tal-Assistenti Kapijiet tal-Iskejjel fil-Kulleġġ**
**Focus Group tal-Kulleġġ fuq l-ICT**
**Focus Group tal-Kulleġġ fuq Stili ta' Ħajja Sana**
**Focus Group tal-Kulleġġ fuq is-Saħħa u s-Sigurtà**
**Focus Group tal-Kulleġġ fuq it-Tagħlim Differenzjat**

# TNEDIJA TA' XPAKKA 1 u XPAKKA 2

**Bil-kollaborazzjoni bejn id-diriġenti tal-Klabb Kotba Maltin u l-Kulleġġ Santa Tereża tniedu l-publikazzjonijiet Xpakka 1 u Xpakka 2.**

Dawn il-pubblikazzjonijiet tfasslu b'mod livellat u jindirizzaw l-istudenti bejn is-sitt u t-tmien snin.



# UNIFORMI ĠDIDA GĦALL-KLARKS FL-UFFIĊĊJU TAL-PRINĊIPAL

Din is-sena skolastika, l-Uffiċċju tal-Prinċipal introduċa l-uniformi għall-istaff klerikali f'dan l-uffiċċju. Din l-inizjattiva hija parti integrali mill-immaġini korporattiva tal-Kulleġġ Santa Tereża.

# IMPJEGATI ĠODDA FIL-KULLEĠĠ

**Il-Kulleġġ Santa Tereża jkompli jilqa' fih impjegati ġodda f'pożizzjonijiet ġodda. Dawn huma bbażati fil-Kulleġġ biex b'hekk, fost l-oħrajn, l-iskejjel kollha tal-Kulleġġ ikunu jistgħu jgawdu minn dawn is-servizzi ġodda.**

L-impjegati huma:

**MR AARON BORG** li huwa l-College Prefect of Discipline
**MS JENNIFER BORG** li hija College Literacy Support Teacher
**MS KATIA SCHEMBRI** li hija l-College Trainee Counsellor
**MS DAWN ZAMMIT** li hija l-College Trainee Career Advisor
**MR NATALINO MALLIA** li huwa l-College Trainee Career Advisor
**MS PAULINE TUFIGNO** li hija l-College Youth Worker
**MS CLARE MULA FALZON** College Trainee INCO (Secondary Level)
**MR VICTOR GALEA** li huwa l-College Precincts Officer
**MS STEPHANIA CUSCHIERI** li hija Career Guidance Teacher
**MR CHRISTOPHER BUGEJA** li huwa Core Competence Teacher
**MS MICHELLE ZARB** li hija Core Competence Teacher
**MS NADIA ZAMMIT** li hija Core Competence Teacher
**MS ENTELA DIMECH** li hija Core Competence Teacher
**MS ELAINE DEBATTISTA** li hija Senior Clerk fl-Uffiċċju tal-Prinċipal

# TNEDIJA TA' *FIRST STEPS IN STATISTICS*

**L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ta' Malta (NSO) nieda CD interattiv li hu proġett iffinanzjat mill-EU Transition Facility 2006.**

Dan is-CD għandu jgħin lit-tfal tal-Year 6 tal-primarji u lill-istudenti tal-Forms 1-3 sabiex ikomplu jtejbu l-litteriżmu fl-istatistika. It-tnedija ta' din ic-CD saret fil-Kulleġġ Santa Tereża, Liċeo tal-Bniet l-Imrieħel, nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2010.





# ATTIVITAJIET SPORTIVI FUQ BAŻI TA' KULLEĠĠ

**Minn din is-sena skolastika, bis-sehem tal-għalliema peripatetiċi tal-Edukazzjoni Fiżika tal-Primarja qed ikunu organizzati sensiela ta' attivitajiet edukattivi għat-tfal kollha flimkien fl-iskejjel primarji tal-Kulleġġ.**

Minbarra dawn l-attivitajiet kollha, din is-sena wkoll hija ppjanata li ssir Sports Day waħda għat-tfal kollha tal-Primarji tal-Kulleġġ flimkien, u oħra għall-istudenti tas-Sekondarji tal-Kulleġġ.